# MEWT U HAJJA



Dak li għedna fil-kitba: *Tibdil il-Għassa,* fl-ewwel ħarġa ta' dan il-Qari tas-sena 1959, nistgħu ntennuh ukoll din id-darba. Issa wkoll kull ħadd jaf, mir-radju u mill-gazzetti li l-Papa Ġwanni XXIII miet, u li wrajh laħaq Pawlu VI. Imma ma jaqbilx li ma ngħidux xi kelma fuq il-mewt tal-Papa Ġwanni, għax il-mewt tiegħu kienet ġrajja ta' għafsa ta' qalb, aktar mill-mewt ta' ħafna Papiet oħra, minn mijiet ta' snin 'il hawn. Nistgħu ngħidu għalih il-kliem tal-Bibbja: *Dum adhuc ordirer succidit me* (kif kont għadni narma n-newl, qatagħli l-biċċa. Ktieb ta' Isajija, XXXVIII, 12). Għax, għad li xiħ, Papa Ġwanni kien raġel f'saħħtu, u kellu tamiet kbar li jagħmel il-ġid; m'hux lill-Kattolki biss, imma lill-Insara kollha. U m'hux lill-Insara biss, imma wkoll lil dawk li m'humiex, billi jurihom l-aħjar triq għas-sliem u l-hena. Kliem fuqu isbaħ minn dan, li kien f'gazzetta Ingliża, ma nafx jekk jistax jingħad:

*Since his election in 1958, Pope John, had perhaps more than any other Pontiff in recent history taken an immense personal interest in world political events. By taking an active part in the maintenance of World Peace, by messages to world leaders, the Pope inspired the confidence of Christians and non-Christians alike; and by his love of Man, gained the love of mankind...... his warmth, humility and humanity captured the hearts of not only Catholics, but people of all Faiths; nor is it Catholics alone who mourn his passing — the entire world joins with them in their bereavement.*

Miskin Papa Ġwanni! Għad li ma weriex, blex ma jsewwidx il-qlub tannies ta' ma' dwaru, imma ċert li miet imnikket. Għax, f'daqqa, kif ix-xogħol kien fl-aħjar tiegħu, bla ħsieb u bla ma kien jistenna, marad u miet. Ma mietx bix-xjuħija, imma b'marda li tista' tiġi fuq kull ħadd. Miet b'uġigħ kbir fisku, u uġigħ akbar moraħ, għax l-egħżeż xewqa tiegħu, il-Kunċilju Ekumenku, ma satax itemmu hu.

Imma fil-Knisja, billi għandha għeruqha fid-Divinità ta' Dak li sejjisha, xej ma jista' jonqos. Jitbiddel iwa, imma jonqos le. Għal hekk, ftit wara li t-tmun tagħha kellu jitilqu l-Papa Ġwanni XXIII, qabdu f'idejh mex-

xej ieħor ta' ħila bħalu, bl-isem ta' Papa Pawlu VI, li kif minn issa tagħa l-kelma, sa jibqa' sejjer bix-xogħol ta' dak ta' qablu, billi fil-Knisja snin u nofs ilu, hekk intennu din id-darba: jaqbel u meħtieġ li nitolbu għal Papa Pawlu VI, għax il-ħajja tal-Papa ma hix xi ħajja ta' mistrieħ.



jtemm il-Kunċilju Ekumenku, u fid-dinja juri li l-hena u s-sliem ma jinkisbuh bil-herra u t-theddid, imma bil-ħlewwa u l-mogħdrija.

U bħal ma għedna f'dal-Qari erba' Hi ħajja ta' xogħol u taħbil il-moħħ, bi nhar u bil-lejl, u għat-temma tagħha huma meħtieġa għerf u saħħa.

L-Editur.